LETTERATURA MHUX FITTIZJA

# KTIEB DWAR ID-DĦUL TAL-ILSIEN MALTI FIL-PARLAMENT 100 SENA ILU

Is-sena d-dieħla jaħbat il-mitt sena minn meta l-ilsien Malti ntuża għall-ewwel darba fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż - il-Parlament. Dakinhar, fis-16 ta' Marzu tal-1922, id-Deputat Robert E. Hamilton, l-ewwel ħaddiem elett fil-Parlament tkellem bil-Malti. Hamilton kien ukoll l-ewwel ħaddiem industrijali li nħatar Speaker fl-1927 u aktar 'il quddiem l-ewwel Ministru ħaddiem.

Ktieb ippubblikat dan l-aħħar jiffoka fuq il-ħajja u l-ħidma ta' Antonio Nicholas li kien strumentali biex l-ilsien Malti seta' jibda jintuża waqt id-dibattiti fil-Kamra Leġislattiva fl-ewwel gvern awtonomu tal-1921. Dal-patrijott mhux magħruf, li kien ħaddiem tat-tarzna wkoll u President ta' każin tal-banda, stinka u ħadem bla heda wkoll b'risq il-mixi 'l quddiem tal-klassi tal-ħddiema. Dan wettqu permezz tal-kitba u bis-sehem tiegħu fil-qasam trejdunjonistiku u dak politiku.

Il-ktieb Antonio Nicholas Difensur tal-Ilsien Malti u l-Klassi tal-}addiema tal-awtur Alfred Ellul Galea tnieda mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati l-Onor Dr Anġlu Farrugia fis-sala tal-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Fra G.M. Antoine De Paule Banda Kristu Re ta' Raħal (ta' min wieħed jgħid li Nicholas kien President ta' dil-għaqda filarmonika għal darbtejn).

Il-ħsieb li l-awtur jirriċerka u jippubblika dal-ktieb dwar dal-patrijott Malti mill-Isla ftit li xejn magħruf, nibet minn kapitlu ta' ktieb mhux pubblikat dwar l-Istorja ta' din is-soċjetà filarmonika miktub minn missieru, Karmenu, fl-1985. Fih iltaqa' mas-sehem attiv ta' din l-għaqda mużikali fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919 u l-kontribut storiku nazzjonali li din tat dakinhar. U kien hawn li feġġ isem Antonio Nicholas fejn jissemma l-att patrijottiku tal-President ta' dal-każin tal-banda kif ukoll l-interess u s-sehem importanti mill-kumitat ta' din is-soċjetà li kien imexxi, fit-tfassil ta' abbozz ta' kostituzzjoni ġdida li kellha twassal għall-ewwel gvern awtonomu fl-1921.

F'artikli imgħoddija li l-awtur ippubblika dwar każini tal-baned, dejjem għamel aċċenn għall-kontribut importanti li dawn taw tul iż-żmenijiet f'bosta oqsma. Mhux biss f'dawk mużikali u kulturali, iżda wkoll f'oħrajn, bħal dawk reliġjużi u soċjali. Iżda minbarra l-ambitu lokali ta' belt jew raħal, kien hemm ukoll okkażjonijiet fejn dawn iċ-ċirkoli filarmoniċi pparteċipaw u taw sehem mill-aktar siwi fi ġrajjiet nazzjonali. U propju waħda minn dawn tal-aħħar kienet dakinhar li delegati minn għadd ta' għaqdiet u każini tal-baned, wieġbu għall-appell tat-tabib Filippu Sciberras sabiex il-korpi kostitwiti jingħaqdu u jieħdu sehem f'Assemblea Nazzjonali. Fost id-delegati li ħadu sehem f'dil-Assembea ma kienx hemm biss professjonisti, li kienu f'maġġoranza, iżda wkoll ħaddiema.

Antonio Nicholas kien wieħed minn dawn tal-aħħar. Bħala impjegat tat-tarzna li kienet tħaddem l-eluf, huwa sar midħla tal-qagħda xejn sabiħa ta' ħafna minn sħabu. Għaldaqstant issieħeb, l-ewwel fix-Xirka ta' Manwel Dimech u aktar tard fl-ewwel unjon kbira tat-tarzna mwaqqfa fl-1916 minn Henry B. Ahar jew Ear, il-Malta Government Workers' Union. Issokta ħidmietu b'risq



il-klassi tal-ħaddiema permezz tal-kitba fil-ġurnal Il Hmar u aktar tard Il Hmara, dejjem taħt il-psewdonimu 'Nick Carter'. Aktar 'il quddiem Nicholas ħass il-ħtieġa li jissieħeb f'partit politiku, il-Partit tal-}addiema, biex ikompli jgħin lil sħabu l-ħaddiema. Huwa kien delegat tal-każin tal-banda mmexxi minnu fl-ewwel Kumitat {enerali tal-Partit Laburista.

Iżda kif wieħed jinnota f'parti mit-titlu tal-ktieb, is-sehem tiegħu b'risq l-ilsien Malti jingħata l-akbar importanza importanza fil-paġni ta' ġewwa. Dan ma setax jonqos, għax kien mitt sena ilu ġiet reġistrata rebħa kbira għal-lingwa tagħna. Dan seħħ meta l-Malti kien għadu jitqies bħala 'il-lingwa tal-kċina'. Iżda b'att erojku fl-Assemblea Nazzjonali fis-26 ta' Awwissu tal-1920 minn Nicholas u delegati oħra, l-ilsien Malti seta' jintuża għall-ewwel darba fil-Parlament – l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Li kieku dakinhar li kellu jittieħed il-vot dwar l-ilsien Malti, il_President Nicholas u ż-żewġ delegati l-oħra ta' din is-soċjetà filarmonika – Luigi Flamini u Francesco De Giovanni - ħarġu 'l barra u ma vvutax, l-istorja kienet tkun xort'oħra. U l-mixja lejn għarfien xieraq tal-lingwa tagħna żgur li kienet ittul aktar.

Fit-tiftix tiegħu dwar ħajjet u ħidmet dal-patrijott minsi, l-awtur iltaqa' ma' interessi oħra mill-aktar interessanti li dal-persunaġġ kellu. Apparti l-lat mużikali, Nicholas kien ipitter u jpinġi b'ħila mhux biss akkwarelli bil-water colour, iżda wkoll b'teknika differenti, bħal dawk ta' kompożituri li hemm imdendla fis-sala tal-każin tal-banda De Paule. Kien ukoll filatelist ta' fama, b'korrispondenza ma' oħrajn barranin bl-istess delizzju. Fatt interessanti hu li fi djarju ta' Nicholas hemm tagħrif mill-aktar interessanti dwar l-għaxar vjaġġi li għamel barra minn Malta. F'wieħed minnhom, waqt l-ewwel gwerra dinjija, isemmi li l-vapur li kien qed jivjaġġa fuqu kien segwit minn sottomarini {ermaniżi. Fatt kurjuż ieħor li niżżel f'dan id-djarju hu li mposta 122 kartolina lil ħbieb tiegħu mxerrda f'għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja. Mijiet ta' kartolini li kien jirċievi hu, għadhom ippreservati b'galbu għand in-neputi ta' Nicholas, u għadhom fl-istat oriġinali tagħhom. Nicholas kien ukoll midħla sew tal-qasam teatrali u ħafna mill-ġrajjiet nazzjonali li seħħu f'pajjiżna żamm tifkira tagħhom permezz ta' ritratti li kien jieħu hu stess.

Il-ktieb ANTONIO NICHOLAS Difensur tal-Ilsien Malti u l-Klassi tal-}addiema ilaqqa' wkoll lill-qarrejja ma' ġrajjiet soċjali, reliġjużi, politiċi u oħrajn nazzjonali li seħħew fi żmien li għex dal-patrijott Malti. Fih riferenzi għal żmenijiet l-ewwel gwerra dinjija u flaġelli bħall-Ispanjola li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom niesna kif ukoll